# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Jannar 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Numru:- 43/2020 JVC**

**Dr. Sergio D'Amico [KI 494069M)] għan-nom u in rappreżentanza ta' DIGI B NETWORK LIMITED (C 35571)**

**vs**

**L-Awtorita' tax-Xandir u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti Dr Sergio D'Amico ghan-nom u in rappreżentanza ta' Digi B Network Limited talab kif isegwi:

1. 'Illi l-kumpanija rikorrenti ilha topera l-uniku '*Terrestrial Digital Audio Broadcasting (T-DAB) Network*' f'Malta għall-aħħar tnax (12)-il sena, u dan in virtù ta' liċenza maħruġa mill-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni *ai termini* tal-Att Biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta) ['*Licence Reference:* MCA/L/14-1962' – '*Licence For The Grant of Rights Of Use of Radio Frequency Spectrum For The Establishment and Operation of A Terrestrial Digital Audio Broadcasting (T-DAB) Network*] **('Dok. DGB 1')**. Tali liċenza kienet ingħatat lill-kumpanija rikorrenti wara l-parteċipazzjoni tagħha fi proċess kompetittiv immexxi mill-istess Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni skond il-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta (u regolamenti magħmulin taħtu), liema kapitolu tal-liġijiet jittrasponi u jimplementa Direttivi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-komunizzajoni eletronnika.

2. Illi dan it-'*Terrestrial Digital Audio Broadcasting (T-DAB) Network*' jintuża sabiex, kemm il-kumpanija rikorrenti stess, kif ukoll terzi persuni, ikunu jistgħu jxandru servizzi awdjofonici (permezz ta' stazzjonijiet tar-radju) fuq frekwenza diġitali (DAB+). Din it-teknoloġija hija meqjusa bħala l-futur tar-radju u, fil-fatt, matul l-aħħar snin, diversi pajjiżi fl-Unjoni Ewropea bdew proċess sabiex jiġi '*phased out*' xandir fuq frekwenzi 'FM' ('*analog frequency modulation'*).

3. Illi l-kumpanija rikorrenti hija liċenzjata wkoll mill-Awtorità intimata, *ossia* mill-Awtorità tax-Xandir, sabiex topera tliet (3)

stazzjonijiet tar-radju diġitali (DAB+) fuq it-'*Terrestrial Digital Audio Broadcasting (T-DAB) Network*' surreferit, u *cioé* l-istazzjonijiet tar-radju diġitali bl-ismijiet 'All Rock', 'BKR Radio' u 'Ignited Christian Radio', liema stazzjonijiet ilhom ixandru lill-pubbliku għal madwar l-aħħar tmien (8) snin.

4. Illi l-liċenzi abbinati mal-operat u max-xandir ta' stazzjonijiet tar-radju diġitali fuq in-*network* surreferit jinħarġu mill-Awtorità intimata *ai termini* tar-Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali (Leġislazzjoni Sussidjarja 350.29), u dan wara li tiġi kondotta valutazzjoni tal-kontenut tal-applikazzjonijiet relattivi, *ossia* tal-informazzjoni ipprovduta u sottomessa lill-istess Awtorità intimata permezz tal-Formola riprodotta fl-'iSkeda I' annessa mal-istess Regolamenti.

5. Illi, *ai termini* tal-Artikolu 11(1) (a) (b) (c) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorità intimata hija obbligata sabiex tqis u tħaddan is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjonijiet relattivi għall-ħruġ ta' liċenzi tax-xandir:

> (a) Illi l-prinċipji ta' libertà ta' espressjoni u pluraliżmu jkunu l-prinċipji bażiċi li jirregolaw l-għoti ta' servizzi tax-xandir f'Malta;
>
> (b) Illi s-sistema diversa ta' stazzjonijiet pubbliċi u privati bil-karattru partikolari tagħhom tkun l-aħjar sistema għar-realisazzjoni tal-prinċipji bażiċi fuq imsemmija;

> (c) li servizzi ta' xandir privati għandhom jitħallew joperaw b'dak il-mod li jiġi żgurat li jkun hemm fierxa wiesgħa ta' programmar li tappella għall-interessi ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi u interessi varji. […]

6. Illi fix-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-kumpanija rikorrenti kienet issottomettiet applikazzjoni *ai termini* tal-imsemmi Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 350.29 sabiex tinħarġilha liċenza tax-xandir sabiex tkun tistà tibda xxandar kontenut awdjofoniku permezz ta' stazzjon tar-radju diġitali bl-isem 'MALTIN BISS' **('Dok. DGB 2')**.

7. Illi nhar is-sittax ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (16.08.2018) il-kumpanija rikorrenti kienet issottomettiet applikazzjoni oħra mal-Awtorità intimata sabiex tinħarġilha liċenzja tax-xandir sabiex tkun tistà tibda xxandar kontenut awdjofoniku permezz ta' stazzjon tar-radju diġitali bl-isem 'D(ANCE) LAB' **('Dok. DGB 3')**.

8. Illi l-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula perjodu ta' erbà (4) xhur għall-għoti ta' deċiżjoni mill-Awtorità intimata relattiva għall-applikazzjonijiet sottomessi lilha *ai termini* tal-imsemmi Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.29.

9. Illi, minkejja t-trapass tal-imsemmi perjodu, u minkejja li l-esponenti Dr. D'Amico, għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija rikorrenti, kien għamel kuntatt mal-Awtorità intimata, u fil-fatt kien talabha u interpellaha kemm il-darba sabiex twettaq l-obbligi tagħha skond il-liġi *entro* l-imsemmi perjodu, l-istess

Awtorità intimata baqgħet inadempjenti u baqgħet ma pprovdiet l-ebda raġuni jew ġustifikazzjoni legali għan-nuqqasijiet tagħha.

10. Illi, għaldaqstant, nhar il-ħmistax ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (15.02.2019) il-kumpanija rikorrenti kienet ippreżentat Protest Ġudizzjarju bin-numru '74/2019' fir-Reġistru tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili **('Dok. DGB 4')**, permezz ta' liema kienet żammet lill-Awtorità intimata, kif ukoll liċ-*Chairman* tagħha, responsabbli għal kull dannu li sofriet, li kienet qiegħdha ssofri, u li setgħet talvolta ssofri minħabba l-aġir tagħhom, filwaqt li qiegħdithom *in dolo, mora et culpa* għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u interpellathom sabiex b'mod immedjat jipproċessaw l-applikazzjonijiet li kienu għadhom pendenti wara t-trapass tal-perjodu surreferit, kif ukoll sabiex jiddeċiedu l-istess applikazzjonijiet skont il-liġi u sabiex jinformawha bid-deċiżjonijiet relattivi.

11. Illi, in vista tal-inadempjenza tal-Awtorità intimata, anke fid-dawl tal-interpellazzjoni ġudizzjarja surreferita, nhar id-disgħa u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (29.05.2019) il-kumpanija rikorrenti intavolat "appell" fir-Reġistru tal-Onorabbli Qorti tal-Appell *ai termini* tal-**Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan <u>kontra u għar-rigward tad-dewmien eżerċitat mill-Awtorita' intimata fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet relattivi</u> **('Dok. DGB 5')**:

> "Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata li jidhirlu li l-Awtorità ma aġixxietx skont ir-regola tal-ġustizzja naturali, jew li aġixxiet b'manjiera grossolosament irraġonevoli jew li iddiskriminat mingħajr raġuni kontra tiegħu, **<u>jew li l-applikazzjoni</u>**

**<u>tiegħu tkun ilha pendenti għal mill-inqas erba' xhur</u>, jista' jappella kontra din id-deċiżjoni <u>jew dewmien</u> lill-Qorti tal-Appell** skont il-proċeduri fl-artikolu 16(5), (6), (7), (9), u (10)." [*emfażi u sottolinear tal-esponenti*]

12. Illi l-Artikolu 16(5) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-fatt, jipprovdi li "[d]etentur ta' liċenza li jħoss ruħu aggravat <u>minn deċiżjoni tal-Awtorità</u> biex jissospendi jew jiddetermina l-liċenza tiegħu skont is-subartikolu (4), <u>jistà jappella kontra dik id-deċiżjoni</u> lill-Qorti tal-Appell b'rikors li jiġi preżentat fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika li ssirlu dwar id-deċiżjoni tal-Awtorità." Fl-istess vena, l-Artikolu 16(10) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li "[m]eta ma jkunx sar appell validu fiż-żmien stabbilit bis-subartikolu (5), jew meta l-appell ikun ġiet ċedut jew mhux komplut, jew meta l-kwestjoni tkun inqatgħet mill-Qorti tal-Appell, <u>id-deċiżjoni</u> dwar is-sospensjoni jew determinazzjoni tal-liċenza tax-xandir in kwestjoni għandha tkun finali u konklussiva għall-finijiet ta' dan l-Att." [*sottolinear tal-esponenti*]

13. Illi, kemm il-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti magħmulin taħtu, ma jistipulaw l-ebda terminu għall-preżentata ta' "appell" <u>kontra d-dewmien</u> tal-Awtorità intimata fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet sottomessi lilha *ai termini* tar-Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali (Leġislazzjoni Sussidjarja 350.29).

14. Illi, kemm l-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti magħmulin taħtu, ma jipprovdu l-ebda indikazzjoni ta' xi forma ta' rimedju ieħor relattiv għall-kontestazzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Awtorità intimata, jew ta' xi forma ta'

rimedju ieħor sabiex jiġi kkontestat id-dewmien tal-istess Awtorità fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet relattivi.

15. Illi sal-ġurnata tal-preżentata tar-Rikors tal-Appell surreferit, kif ukoll sad-data tal-għoti tas-sentenza relattiva, l-Awtorità intimata ma kienet tat l-ebda deċiżjoni abbażi tal-applikazzjonijiet surreferiti.

16. Illi, madankollu, fis-sentenza tagħha mogħtija nhar is-sittax ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (16.12.2019) fl-ismijiet *Digi B Network Limited -vs- L-Awtorità tax-Xandir ta' Malta'* (Rikors tal-Appell Nru. 155/19) **('Dok. DGB 6')**, filwaqt li rrikonoxxiet li "[d]awn l-applikazzjonijiet baqgħu mhux ipproċessati, u l-applikant baqà ma ngħatax risposta jekk l-applikazzjonijiet tiegħu ġewx milqugħa jew le", l-Onorabbli Qorti tal-Appell waslet għall-konklużjoni li:

> "Dan ifisser li erba' xhur wara s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, skatta favur l-applikant id-dritt tal-appell li, skont l-Artikolu 16(5) tal-Att, kellu jiġi eżerċitat fi żmien ħmistax-il jum. Hu veru li dan is-subartikolu jgħid li l-15-il ġurnata jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika li sssiru dwar id-deċiżjoni tal-Awtorità, li f'dan il-każ ma kienx hemm deċiżjoni, però, abbinat mal-provvediment tal-Artikolu 11(3) imsemmi, dan l-artikolu bilfors irid jiftiehem illi f'każ ta' applikazzjoni pendenti għal tal-anqas erbà xhur, it-terminu ta' ħmistax-il jum jibda jiddekorri għeluq l-erba' xhur minn mindu tkun tressqet. Hu, għalhekk, li fl-Artikolu 11(3) espressament jagħmel referenza għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 16(5). Altrimenti jkun ifisser li applikant ikun jistà

jeżeċita d-dritt tal-appell li tagħtih il-liġi meta jrid għeluq erba' xhur mill-applikazzjoni, ħaġa li ma riedx il-leġislatur u, f'kull każ, ikun kunċett li jmur kontra l-ordni pubbliku li jrid li kwistjonijiet, anke mal-awtoritajiet governattivi, xi darba jingħalqu.

Issa, f'dan il-każ, l-aħħar applikazzjoni tressqet fis-16 ta' Awissu, 2018, u din l-applikazzjoni kellha tiġi pproċesata sas-16 ta' Diċembru, 2018. Minn dik id-data, darba li l-applikazzjoni baqgħet ma ġietx ipproċessata, skatta ż-żmien ta' ħmistax-il jum għall-preżentata tal-appell. Dan l-appell pero', ġie preżentat oltra t-terminu previst, u fil-fatt tressaq fid-29 ta' Mejju, 2019.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tqis li dan l-appell ġie preżentat fuori termine u kwindi irritu u null." [*sottolinear tal-esponenti*]

17. Illi n-nuqqas tal-Awtorità intimata li tipproċessa, u li tagħti deċizjoni dwar, l-applikazzjonijiet imsemmijin fis-sitt (6) u fis-sebà (7) paragrafi ta' dan ir-Rikors *entro* l-perjodu ta' erbà (4) xhur stipulat fl-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll in-nuqqas tagħha li tipprovdi ġustifikazzjoni għal tali nuqqas, jammontaw għal leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanċiti fl-**Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta]**.

18. Illi l-preġudizzju għall-kumpanija rikorrenti, *ossia* l-vjolazzjoni tad-dritt tagħha għal-libertà tal-espressjoni, kif ukoll

dak għall-pubbliku in generali li jirċievi l-ideat u l-fehmiet tagħha, se jibqà jissussisti u jikber ma' kull ġurnata li tgħaddi, u dan sakemm, fl-ewwel lok, u bħala minimu, l-Awtorità intimata jogħġobha totttempra ruħha mal-obbligi tagħha skond il-liġi, *ossia* mal-obbligu li tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet sotomessi mill-kumpanija rikorrenti, kif ukoll mal-obbligu li tinnotifika lill-kumpanija rikorrenti bid-deċiżjonijiet relattivi.

19. Illi, b'żieda mas-suespost, jiġi rrilevat bl-ikbar rispett li l-fehma tal-Qorti tal-Appell li r-Rikors tal-Appell surreferit kien ġie intavolat mill-kumpanija rikorrenti *fuori termine*, hija inkompatibbli mad-drittijiet fondamentali tal-kumpanija rikorrenti, kif protettti permezz tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta]**, *ossia* mal-obbligu li jiġi mħaddan il-prinċipju ta' ċertezza legali, kif ukoll mal-obbligu li tiġi promossa l-utilità u l-effikaċja tar-regoli proċedurali relattivi.

Dan, anke fid-dawl tal-fatt li l-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti magħmulin taħtu, ma jistipulaw l-ebda terminu għall-preżentata ta' "appell" <u>kontra d-dewmien</u> tal-Awtorità intimata fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet sottomessi lilha *ai termini* tar-Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali (Leġislazzjoni Sussidjarja 350.29).

20. Illi, fil-fatt, b'konsegwenza tal-interpretazzjonijiet u tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali surreferiti da parti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-kumpanija rikorrenti, effettivament, ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li jkollha aċċess għal smiegħ kondott minn organu ġudizzjarju li jkun ġie debitament adit sabiex jikkunsidra u jivvaluta l-ilment tagħha fil-mertu.

21. Illi l-kumpanija rikorrenti għandha kull interess li, fil-fatt, tottjeni deċiżjoni mill-Awtorita' intimata dwar l-applikazzjonijiet tagħha, li tikkontesta kwalunkwe dewmien relattiv għall-ħruġ tal-istess deċiżjoni, kif ukoll li tikkontesta kwalunkwe deċiżjoni talvolta mogħtija, u dan fil-qafas ta' stħarriġ ġudizzjarju abbinat mal-mertu tal-istess.

22. Illi, għaldaqstant, jiġi rrilevat li n-nuqqas tal-Istat Malti li jipprovdi l-għodda u l-makkinarju legali neċessarju sabiex tiġi mistħarrġa u kkontestata il-konklużjoni milħuqa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell *ai termini* tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* n-nuqqas tal-Istat Malti li jipprovdi u li jakkorda lil applikanti il-'benefiċċju tad-doppju eżami', huwa, fih innifsu, leżiv tad-drittijiet fundamentali protetti fl-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta]**. Dan, stante li, fil-fehma umli tal-esponenti, tali nuqqas ma jistax jitqies bħala proporzjonat għall-għan sottostanti għall-għażla adottata mill-Istat Malti f'dan ir-rigward.

23. Illi, b'żieda mas-suespost, jiġi rrilevat li n-nuqqas tal-Istat Malti li jagħmel l-arranġamenti xierqa u idoneji sabex jiġi assigurat li applikant jiġi akkordat id-dritt li jikkontesta deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell mogħtija *ai termini* tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* li "jappella" minn deċiżjoni aħħarija li tkun effettivament ġiet mogħtija in *prim'istanza*, jammonta wkoll għal leżjoni tad-drittijiet protetti permezz tal-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319**

**tal-Liġijiet ta' Malta]**, *ossia* għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu li "jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dan il-ksur ikun sar minn persuni li jkun qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."

24. Illi, in vista u fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet suesposti, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni tal-kumpanija rikorrenti, kif protett mill-**Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali**, qiegħed ikompli jiġi leż b'kull ġurnata li tgħaddi.

25. Illi, għaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti qiegħdha tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprovdi r-rimedji meħtieġa u opportuni sabiex jiġu rispettati u osservati l-garanziji naxxenti mill-osservanza tad-drittijiet u tal-libertajiet fondamentali tal-bniedem f'soċjetà demokratika.

Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-kumpanija rikorrenti qiegħdha titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara li d-dewmien tal-Awtorità intimata kif ukoll in-nuqqas sallum stess li tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni relattiva għall-ħruġ ta' liċenza abbinata max-xandir tal-istazzjon tar-radju diġitali 'MALTIN BISS' [indikata fil-paragrafu sitta (6) ta' dan ir-Rikors], kif ukoll dik relattiva għall-istazzjon tar-radju diġitali 'D(ANCE) LAB' [indikata fil-paragrafu sebgħa (7) ta' dan ir-Rikors], sarrfu fil-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-kumpanija rikorrenti, kif protetti permezz tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta].

2. Tiddikjara li l-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif abbinat mas-subartikoli (5), (6), (7), (9), (10) tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess disposizzjonijiet fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-kumpanija rikorrenti, kif protetti permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta].

3. Tiddikjara li l-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif abbinat mas-subartikoli (5), (6), (7), (9), (10) tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess disposizzjonijiet fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, ma jikkostitwux rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-istess kumpanija rikorrenti, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet protetti permezz tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta].

4. Tordna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni meqjusa opportuna f'dan ir-rigward, jottempraw ruħhom mad-direttivi li jistgħu talvolta jitqiesu bħala meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u/jew li JIPPROVDU lill-kumpanija rikorrenti bir-rimedji kollha meqjusin opportuni sabiex jiġu rimedjati l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tagħha u sabiex jiġi eliminat kull xkiel għall-eżerċizzju tal-istess.

5. Taghti dawk l-ordnijiet, dawk id-direttivi u dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni sabiex jiġi assigurat li

ma jkunx jeżisti iktar xkiel għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-kumpanija rikorrenti *ai termini* tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għall-eżerċizzju tad-drittijiet fondamentali tagħha, inkluż dawk neċessarji sabiex jiġi assigurat li d-drittijiet tagħha jibqgħu impreġudikati pendenti t-twettieq tal-obbligi tal-Awtorità intimata, kif imposti fuqha bil-liġi, inkluż li tħassar u li twarrab l-effetti tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-sittax ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (16.12.2019) fl-ismijiet *Digi B Network Limited -vs- L-Awtorità tax-Xandir ta' Malta* (Rikors tal-Appell Nru. 155/19).

6. Tillikwida l-kumpens spettanti lill-kumpanija rikorrenti in vista tal-akkoljiment tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) talba suesposta u, konsegwentement, TIKKUNDANNA lill-intimati, jew min minnhom, għall-ħlas tal-ammont hekk illikwidat.'.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tax-Xandir li taqra kif isegwi:

'Illi l-Awtorita' b' l-ebda mod ma vjolat d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Ir-rikorrent applika ghall-licenzja u ntalab jissottometti informazzjoni lill-awtorita' precisament biex l-awtorita tkun tista' tipprocessa u tiddisponi dik l-applikazzjoni speditament. Minflok ir-rikorrent qatt ma spedixxa din l-informazzjoni rikjesta u kien ghalhekk biss, kif huwa anke gie diversi drabi anke ufficjalment informat, li l-awtorita sabet ruhha f' l-impossibilita li tipprocessa l-applikazzjoni tieghu. Minflok irrenda lill-Awtorita l-informazzjoni li din irrikjedit l-applikant ghazel it-triq li l-ewwel japella anke fuori termine min-nuqqas tal-awtorita tipprocessa din l-applikazzjoni, liema appell gie korrettement deciz li kien null u imbaghad ghamel l-presenti rikors ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, u dan stranament meta kien huwa stess li naqas li jiehu kura tal-istess

drittijiet tieghu billi agixxa daqs li kieku l-ebda ragola ma kienet tapplika ghalih. Kienet l-izjed haga semplice ghar-rikorrenti li joffri lill-awtorita' l-informazzjoni minnha legitimament rikjest u b'hekk kien jottjeni dak li xtaq. Huwa pero ferm sintomatiku li din l-informazzjoni ghada ma waslitx lill-Awtorita.

Ghalhekk l-esponent jhossu li ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent anzi huwa l-kaz li dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina li tesercita l-gurisdizzjoni taghha billi r-rikorrenti kellu mezzi semplici kif seta jottjeni dak li ried minnha minghajr l-bzonn li jiddisturba l-Awtorita gudizzjarja.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari, hija l-umli fehma tal-esponent li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta bil-qawwa li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha[1] għaliex il-kumpannija rikorrenti għad għandha rimedji ordinarji a disposizzjoni tagħha u ċjoe tista' tiftaħ kawża ċivili kontra l-Awtorità ntimata għal kwalunkwe danni allegatament inkorsi minnha jew inkella tintavola proċeduri ta' ritrattazzjoni;

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent qed jirrespinġi bil-qawwa kollha l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha mniżżla fir-rikors kostituzzjonali bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet li ġejjin li qed jiġu mniżżla mingħajr preġudizzju għal xulxin:

3. Illi l-kumpannija rikorrenti trid juri b'mod ċar b'liema mod u manjiera d-drittijiet fundamentali tagħha ġew allegatament

[1] skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

mittiefsa ai termini l-artikolu 6 (dritt għal smigħ xieraq), l-artikolu 10 (dritt għal-liberta' tal-espressjoni) u l-artikolu 13 (dritt għal rimedju effettiv) tal-Konvenzjoni;

4. Illi wieħed irid iżomm f'moħħu n-natura speċjali, partikolari u gravi tal-proċeduri kostituzzjonali. Dawn il-proċeduri ma jistgħu qatt jiġu utilizzati bħallikieku l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali warajha, kienu Qorti ta' Kassazzjoni oħra. Lanqas ma hi l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) jew li tikkanċella kawżi li saru *res judicata* għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

5. Illi kif korrettement sostniet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet Digi B Network Limited (C 35571) v. L-Awtorità tax-Xandir ta' Malta u li qed tiġi attakkata f'dawn il-proċeduri, ċertu termini mposti mil-liġi jridu jiġu rispettati u applikant ma jistax jeżerċita d-dritt tal-appell li tagħtih il-liġi meta jrid. Din hija ħaġa li ma ridhiex il-leġislatur u huwa kunċett li jmur kontra l-ordni pubbliku;

6. Huwa ben saput, li l-artikoli li l-kumpannija rikorrenti qed tilmenta minnhom jiffurmaw parti mill-liġi proċedurali. Issa kif inhu mgħallem tant tajjeb fil-ġurisprudenza Maltija, il-liġi proċedurali kollha hija ta' ordni pubbliku għaliex tali liġi qed toħloq ordni dwar kif għandhom jitmexxew il-proċeduri fil-qrati u tara li dan l-ordni jinżamm permezz ta' disposizzjonijiet fil-liġi li jaħsbu għal konsegwenzi mhux feliċi għal min jimxix skont dak imniżżel iswed fuq l-abjad fil-liġi – kif proprju rriżulta fil-każ preżenti;

7. Illi għalhekk, minn eżami tar-rikors kostituzzjonali jidher li l-ilmenti tal-kumpannija rikorrenti huma mingħajr ebda fondament ġuridiku u huma bbażati biss fuq żball proċedurali min-naħa tal-kumpannija rikorrenti u għalhekk *imputet sibi*;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpannija rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.'

Rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors promotur fosthom zewg licenzji mahruga mill-'Malta Communciations Authority validi mit-22 ta' Marzu, 2006 a fol. 10 et seq u fol. 16 et seq, l-applikazzoni ghall-istazzjon 'Maltin Biss' a fol. 22 et seq, l-applikazzjoni ghall-istazzjom 'D(ance) Lab' a fol. 50 et seq tal-process mill-liema dokumentazzjoni ma tirrizulta l-ebda data ta' meta gew intavolati dawn l-applikazzjonijiet, kopja ta' protest gudizzjarju datat 15 ta' Frar, 2019 (fol 64), rikors tal-appell datata 29 ta' Mejju, 2020 a fol. 68 et seq tal-process, u sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 16 ta' Dicembru, 2019 a fol. 71 et seq.

Semghet ix-xiehda ta' Daniel Delia, Head of Administration and Finance fi hdan l-Awtorita' tax-Xandir a fol. 88 A et seq u rat l-affidavit tieghu a fol. 365 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a fol. 443, ta' Simon Manicolo, Segretarju tal-Bord tal-Awtorita tax-Xandir (fol. 134) u ta' Pierre Cassar, Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' tax-Xandir bejn Marzu 2009 u Settembru 2016.

Rat l-affidavit ta' Sergio D'Amico direttur ewlieni u manigerjali tas-socjeta rikorrenti (fol 90 et seq) u d-dokumentazzjoni annessa, rat l-affidavit ulterjuri tieghu a fol. 158 et seq u l-kontro-ezami tieghu a fol. 291 A tal-process. Rat ukoll l-affidavit ta' Dr. Joanne Spiteri, Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' tax-Xandir a fol. 194 et seq tal-process flimkien mad-dokumentazzjoni annessa u semghet il-kontro-ezami taghha a fol. 376 et seq tal-process u 431 et seq tal-process.

Rat l-atti annessi fuq talba tar-rikorrent u awtorizzati minn din il-Qorti tar-rikors tal-Appell numru 155/19.

Rat in-nota datata 22 ta' Marzu, 2021 li permezz taghha s-socjeta' rikorrenti esebit fl-atti l-'audited accounts' taghha mis-sena 2015 sas-sena 2019. Rat id-dokumentazzjoni segwenti esebita mill-Awtorita' ntimata.

Rat li a fol. 391 et seq u a fol. 412 et seq gew prezentati kopji tal-licenzji li l-applikazzjonijiet taghhom wasslu ghall-kawza odjerna datati 28 ta' Gunju, 2021.

Rat illi fil-verbal datat 29 ta' Lulju 2021 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u l-partijiet inghataw terminu ghas-sottomissjonijiet taghhom u r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat it-trattazzjoni u s-sottomissjonjiet bil-miktub esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi s-socjeta' rikorrenti hija l-entita' awtorizzata sabiex tmexxi n-'network' tad-'digital radio' maghruf bhala 'Terrestrial Digital Audio Broadcasting Network' (T-DAB) f'Malta u dan sa Marzu 2022. Apparti dan hija ghandha wkoll numru ta' licenzji mahruga f'isimha ghal stazzjonijiet tar-radju li jxandru minn fuq l-istess pjattaforma. Fil-11 ta' Gunju tas-sena 2018 u fis-16 ta' Awwissu tas-sena 2018 hija ntavolat zewg applikazzjonijiet ghall-hrug ta' licenzji ta' zewg stazzjonijiet godda bl-isem ta' 'MALTIN BISS' u 'D(ance) LAB'. Issostni li ghalkemm ir-rapprezentant taghha ghamel diversi kuntatti sabiex jara x'qed jigri minn dawn l-applikazzjonijiet dawn baqghu ma gewx decizi fit-terminu ta' erba' xhur impost mill-ligi fit-termini tal-Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta' Malta, Att Dwar ix-Xandir. Izzid ukoll li wara li kellha anki tissottometti protest gudizzjarju kontra l-Awtorita' ntimata, din baqghet inadempjenti u ma kelliex alternattiva ghajr li tintavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell kif jirrikjedi l-artikolu 350 tal-Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta' Malta. Tilmenta li dan l-appell gie deciz kontra taghha ghaliex l-Onorabbli Qorti tal-Appell qajmet ex officio l-eccezzjoni tal-*fuori termine* u ghaddiet sabiex iddikjarat li l-appell gie prezentat *fuori termine*.

Konsegwenza tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti prezentat ir-rikors kostituzzjonali odjern fejn qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha fit-termini tal-artikolu 10 (Dritt ghal-liberta tal-espressjoni), l-artikolu 6 (Dritt ghal smiegh xieraq) u l-artikolu 13 (Dritt ghal rimedju effettiv) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal Bniedem u dan partikolarment relatat mad-dewmien u n-nuqqas ta' decizjoni dwar iz-zewg applikazzjonijiet ghal ghoti ta' licenzja tar-radju hawn fuq imsemmija u wkoll in relazzjoni mal-procedura tal-appell li tipprovdi l-ligi dwar l-istess fit-termini tal-Kap. 350.

Da parti taghha l-Awtorita' intimata ssostni li n-nuqqas li ma jigux processati u decizi dawn l-applikazzjonijiet sal-ezitu finali taghhom kien unikament tal-istess socjeta' rikorrenti li naqset milli tiprezenta 'audit accounts' kif mitlub lilha f'ittra datat 8 ta' Ottubru, 2018 u ittra ohra sussegwenti b'dana li l-Awtorita' qatt ma setghet tiprocedi sabiex taghti decizjoni. L-Awtorita' zzid li flok ir-rikorrenti ghaddiet mill-ewwel sabiex tipprovdi dak mitlub minnha, ntavolat appell li fuq kollox kien *fuori termine* u li sad-data tar-risposta taghha r-rikorrenti kien ghadha ma pprezentatax l-informazzjoni mitluba lill-Awtorita'.

L-Avukat tal-Istat intimat fl-ewwel lok jeccepixxi li r-rikors huwa intempestiv stante li s-socjeta' rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji taghha ghaliex ghadha tista' tiftah kawza ghall-hlas ta' danni sofferti. Isostni li ghandha tkun is-socjeta' rikorrenti li turi b'mod car kif suppost gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha. Jeccepixxi ulterjoment li r-rikors tas-socjeta' rikorrenti jikkonsisti biss f'appell minn decizjoni tal-appell li llum hija *res judicata* u dan mhux permissibbli taht il-ligi. Fil-mertu jsostni li d-decizjoni tal-appell kienet wahda korretta stante li t-termini mposti sabiex isir appell fil-ligi huma ta' ordni pubbliku u ghandhom jigu nfurzati. Finalment jeccepixxi li l-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti huma minghajr ebda fondament guridiku u huma bbazati biss fuq zball procedurali da parti tal-istess kumpanija rikorrenti u ta' dan tista' tahti biss l-istess rikorrenti.

Illi l-Qorti, kif gia suespost, rat il-provi kollha estensivi prezentati fl-atti kif ukoll l-atti tal-Qorti tal-Appell annessi. Rat li specjalment da parti tas-socjeta' rikorrenti tressqu hafna provi li ftit li xejn huma ta' rilevanza ghall-kaz odjern stante li jew jirrigwardaw snin ferm qabel dak allegatament akkadut bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghha u wkoll ghaliex jirrigwardaw

applikazzjonijiet ohra ghal licenzji li mhumiex dawk msemmija fir-rikors kostituzzjonali odjern.

Illi dwar il-mertu tal-ilment kostituzzjonali odjern fl-affidavit ta' Sergio D'Amico, direttur ewlieni u manigerjali tas-socjeta rikorrenti (fol 90 et seq), jinghad li nhar il-11 ta' Gunju, 2018 giet sottomessa l-applikazzjoni ghall-istazzjon 'MALTIN BISS' u dan b'referenza ghad-dokument DGB 2 anness mar-rikors promotur. Izid li nhar is-16 ta' Awissu, 2018 giet intavolata applikazzjoni ohra ghall-istazzjon 'D(ANCE) LAB' u dan b'referenza ghad-dokument DGB 3 esebit mar-rikors promotur.

Mill-affidavit tal-Kap. Ezekuttiv tal-Awtorita' tax-Xandir Dr. Joanne Spiteri (fol 194 et seq) jirrizulta li hemm qbil dwar id-dati tal-applikazzjonijiet imsemmija. Ziedet ukoll:

'Rigward ir-rikjesta fl-applikazzjoni li titlob x'tip ta' arrangamenti finanzjarji tal-kumpanija indikat biss li Digi B se tkun qed tiffinanzja dawn l-erba' stazzjonijiet . . . Maltin Biss. Izda l-applikant, Dr D'Amico, imkien ma ta indikazzjoni ta' kif ser jkun qed jiffinanzja dawn il-progetti minkejja li hemm l-obbligu fl-applikazzjoni.' (fol. 194 ergo)

L-istess tixhed Dr. Joanne Spiteri fir-rigward tal-applikazzjoni ghal 'D(ance) Lab'.

Izzid illi:

'Minhabba li dawn l-applikazzjonijiet kienu ghadhom mhux processati ghaliex l-Awtorita' hasset li kien hemm informazzjoni nieqsa partikolarment fir-rigward ta' informazzjoni relatati ma' finanzi u accounts, fit-8 ta' Ottubru, 2018, l-Awtorita, permezz tal-

Head of Finance and Administration, is-Sur Daniel Delia, baghtet ittra lid-Direttur tal-Kumpanija DigiB Network Ltd . . . Dr. Sergio D'Amico ghall-audited financial statements ghas-sena 2016 – 2017 u dan skont Taqsima 16 (2) tal-Att dwar ix-Xandir. L-Awtorita' talbet ukoll lista' tal-istazzjonijiet li din il-kumpanij ghandha. Din l-informazzjoni kellha tasal ghand l-Awtorita sas-16 ta' Ottubru, 2018.'

Taghmel ukoll referenza ghal-e-mail datata 11 ta' Ottubru mibghuta mir-rikorrenti fejn informa l-Awtorita' li ser jipprovdi l-accounts tas-socjeta' rikorrenti f'Novembru 2018. Tghid li l-informazzjoni korretta qatt ma waslet ghand l-Awtorita' tax-Xandir nonostante li rega kien hemm talba nhar is-27 ta' Frar, 2019 (ara fol 291).

Illi dwar il-bzonn li jigu prezentati l-'audited accounts' jixhed Daniel Delia 'Head of Administration and Finance' fi hdan l-Awtorita' tax-Xhieda li jsostni li:

'konna qed naghmlu ezercizzju jigifieri qed naghmluh kull sena illi nigbru l-audited accounts tal-istations for internal use biex naraw is-sitwazzjoni finanzjarja taghhom jigifieri dik tintbghat lil-licenceees kollha'

u dan b'referenza ghad-dokument esebit a fol. 108 tal-process. Dan jikkonsisti f'ittra ffirmata mill-istess xhud mibghuta lil Digi B Network Limited u ggib id-data tat-8 ta' Ottubru 2018 intitolata 'Request for Audited Financial Statements' fejn titlob kif isegwi:

'The Authority is requesting you to provide a copy of your Company's Audited Financial statement for the years 2016-2017 in accordance with Section 16 (2) of the Broadcasting Act (Cap 350).

The Audited Financial Statement should include detailed Income and Expenditure Accounts and Balance Sheets. Abridged accounts will not suffice. In the absence of Audited Financial Statements for 2017 at this time of request, please provide us with the management account.

The Authority is also requesting a list of the Radio or TV Stations the company owns and the current list of shareholders and directors of the Company owning the Radio or TV Stations.

Kindly submit the requested information by not later than 16th October and be reminded that this request is in line with the licence conditions and non-compliance is subject to penalties and/or other action as stipulated by the Act.'

Dan ix-xhud jikkonferma li ittra simili ntbaghtet lill-operaturi kollha bejn ghaxra (10) u tnax-il (12) operatur.

Illi dwar il-prezentata ta' dawn l-'accounts' ir-rikorrent Sergio D'Amico jixhed fil-kontro-ezami li:

'At no point ma qalulu dawn l-accounts ghandna bzonnhom biex nipprocedulek bl-applikazzjonijiet l-ohra li ghandek pendenti.' (fol. 291 c)

Izid li huwa pprovda dak li talbu l-Financial Controller li skont hu kienu l-'accounts' tal-istazzjonijiet. Il-Qorti izda tirrileva li dan jikkontrasta ma' dak li hemm miktub fl-e-mail mibghuta mill-istess Sergio D'Amico datata 11 ta' Ottubru, 2018 fejn jinghad car u tond:

‘As discussed, we will be able to provide you management accounts for the platform in November . . .’

Ir-referenza ghall-‘platform’ hija ghas-socjeta rikorrenti. Huwa ghalhekk car li s-socjeta’ rikorrenti kienet taf li qed tintalab tintavola l-kontijiet ukoll taghha u mhux biss tal-istazzjonijiet.

Dwar meta nqala’ l-bzonn tal-ittra tat-8 ta’ Ottubru, 2018 Dr. Joanne Spiteri in kontro-ezami tixhed a fol. 385 li dan gie diskuss mill-bord fil-laqgha tal-11 ta’ Lulju, 2018 u kienet konsegwenza ta’ hekk li harget l-ittra u dan ghaliex il-Bord ried l-‘audited accounts’ tal-kumpanija. A fol. 388 tixhed li din l-ittra tat-8 ta’ Ottubru kienet indirizzata lil DGB Network Limited kemm fil-kwalita’ ta’ license holder kif ukoll fil-kwalita ta’ applikant ghalkemm fl-ittra hemm miktub ‘The request is in line with the license conditions.’ (fol. 388).

Il-Qorti izda rat li f’din l-ittra ma gew indikati l-ebda numru ta’ referenza u wisq anqas gie ndikat li l-informazzjoni li kienet qed tintalab kienet ukoll qed tintalab bhala kundizzjoni sabiex jigu finalizzati iz-zewg applikazzjonijiet pendenti.

Il-Qorti rat ukoll li fil-mori ta’ dawn il-proceduri, s-socjeta’ rikorrenti esebiet l-‘audited accounts’ taghha u ftit gimghat wara nhargu l-licenzji relattivi mill-Awtorita’ ntimata. Nonostante dan is-socjeta’ rikorrenti nsistiet fuq il-proceduri kostituzzjonali odjerni.

Il-Qorti rat li fil-licenzji finalment mahruga u esebiti a fol. 391 et seq gew indikati numri ta’ referenza 14/18 u 18/18. Mistoqsija dwar fiex jikkonsistu dawn in-numri Dr. Joanne Spiteri tirrispondi fix-xiehda taghha tad-29 ta’ Lulju, 2021 li dawn huma n-numru

tal-applikazzjonijiet in kwisjtoni ai fini ta' 'filing system'. Il-Qorti izda terga tirrileva li dawn ma gewx indikati fl-ittra tal-10 ta' Ottubru, 2018.

F'din l-istess xiehda Dr. Joanne Spiteri terga' temfasizza li l-opzjonijiet li jkollha l-Awtorita' meta tidhol applikazzjoni hija li tilqa', tichad jew titlob aktar informazzjoni u mhux biss li tilqa' jew tichad. Tirrispondi li d-decizjoni ma ttihditx fi zmien erba' xhur ghaliex kienu qed jistennew l-'audited accounts' tal-kumpanija u tghid:

'Ehe din kienet il-problema principali ghaliex peress li DGB kellu dawn is-sensiela ta' applikazzjonijiet, l-awtorita' riedet tkun taf, anki s-sitwazzjoni finanzjarja, l-financial,l-audited accounts tieghu halli tkun taf kif se jmexxi dawn l-istitutuzzjonjiet.'

Tikkonferma wkoll li ntalbu l-'audited accounts' u mhux dawk progettati.

**Ilmenti kostituzzjonali u eccezzjonijiet:**

**Rimedji ordinarji:**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-Avukat tal-Istat isostni li din il-Qorti ghandha tirrifjuta milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha in vista tal-ezistenza ta' rimedji ordinarji a disposizzjoni tas-socjeta rikorrenti partikolarment kawza civili ghad-danni.

Illi fil-kaz odjern is-socjeta' rikorrenti qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha kif suespost. Kawza civili ghall-hlas ta' danni legalment mihiex intiza sabiex dik il-Qorti tidhol f'analizi

tal-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-partijiet. Hija proprju l-Qorti odjerna li hija adita minn din il-mansjoni u ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Ir-raba' eccezzjoni li ssostni li qed isir appell minn decizjoni gia res judicata tal-Qorti tal-Appell u l-ilment fit-termini tal-artikolu artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali:**

Illi in relazzjoni mal-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghha b'referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea cioe' d-dritt ghal smigh xieraq, is-socjeta' rikorrenti tinsisti li dan id-dritt taghha gie lez ghar-ragunijiet kif moghtija minnha stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha kif isegwi:

'Illi hija giet imcahhda milli jkollha access ghall-smiegh xieraq quddiem organu gudizzjarju konsegwenza tal-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell stess tar-regoli procedurali relattivi ghall-preznetata ta' appell entro t-terminu ta' hmistax-il gurnata b'dana li l-appell taghha gie dikajrat *fuori termine*.'

Huwa evidenti mis-sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti li dak li mhux qed taqbel mieghu ir-rikorrenti hija l-interpretazzjoni li tat l-Onorabbli Qorti tal-Appell lill-artikoli 11 (3) u 16 (5) tal-Kap. 350 'Att dwar ix-Xandir' tal-Ligijiet ta' Malta fid-decizjoni taghha tas-16 ta' Dicembru, 2019.

Issostni fil-fatt fil-paragrafu 44 tas-sottomissjonijiet taghha li:

'fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-kumpanija rikorrenti umilment tissottometti li, bl-interpretazzjoni restrittiva u bit-

thaddim strett tar-regoli procedurali relattivi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili kisret id-dritt fondamentali tal-kumpanija rikorrenti ghal access ghal Qorti sabiex jigi mistharreg il-mertu tal-ilment taghha, liema dritt huwa protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.'

Illi ddawwar kif iddawwar l-argument taghha s-socjeta rikorrenti, huwa car lil din il-Qorti li permezz tal-ilment taghha fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija qed titlob li din il-Qorti terga tistharreg id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u tvarja d-decizjoni skont l-interpretazzjoni li skont is-socjeta' rikorrenti ghandha tinghata lill-artikoli 11 (3) u 16 (5) tal-Att Dwar ix-Xandir. Illi dan certament mhux il-kompitu ta' din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha. Huwa car daqs il-kristall ghall-Qorti li s-socjeta' qed tittenta appell minn appell ghaliex id-decizjoni fil-konfront taghha ma ghogbitiex. Dan izda ma jekwivalix ghal ksur ta' xi dritt fundamentali taghha.

Illi l-Qorti rat li l-artikolu 11 (3) tal-Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'Applikant li l-applikazzjoni tieghu tigi rifjutata li jidhirlu li l-Awtorita' ma agixxietx skont ir-regola tal-gustizzja naturali, jew li agixxiet b'manjiera grossolosament irragonevoli jew li iddiskriminat minghajr raguni kontra tieghu, jew li l-applikazzjoni tieghu tkun ilha pendenti ghal mill-inqas erba' xhur, jista' jappella kontra din id-decizjoni jew dewmien lill-Qorti tal-Appell skont il-proceduri fl-artikolu 16 (5), (6), (7) (9), u (10).'

Rat ukoll l-artikolu 16 (5) tal-Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'(5) Detentur ta' licenza li jhoss ruhu aggravat minn decizjoni tal-Awtorita' biex jissospendi jew jiddetermina l-licenza tieghu skont is-subartikolu (4), jista' jappella kontra dik id-decizjoni lill-Qorti tal-Appell b'rikors li jigi prezentat fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika li ssirlu dwar id-decizjoni tal-Awtorita'.

Illi minn qari tal-artikolu 11 (3) johrog li appell huwa possibbli wkoll minn dewmien deskritt bhala applikazzjoni li tkun ilha pendenti ghal mill-inqas erba' xhur u mhux neccessarjament minn decizjoni.  Ir-rikorrenti ssostni li dan ghandu jigi nterpretat li l-applikant ikollu l-jedd li jappella fi kwalunkwe mument li l-applikazzjoni tkun ghadha pendenti wara l-perjodu ta' erba' xhur. Il-Qorti tal-Appell ma qablitx mieghu dwar din l-interpretazzjoni u sostniet kif isegwi:

'Illi l-Artikolu 11(3) tal-imsemmija liġi jgħid, fost affarijiet oħra, li jekk l-applikazzjoni għall-liċenzja tkun ilha pendenti għal mill-anqas erba' xhur, l-applikant jista' jappella kontra d-dewmien lil din il-Qorti skont il-proċeduri kontemplati fl-Artikolu 16(5)(6)(7)(9) u (10). Issa f'dan il-każ iż-żewġ applikazzjonijiet tressqu waħda f'Ġunju tas-sena 2018 u oħra fis-16 ta' Awwissu, 2018. Dawn l-applikazzjonijiet baqgħu mhux ipproċessati, u l-applikant baqa' ma ngħatax risposta jekk l-applikazzjonijiet tiegħu ġewx milqugħa jew le. Dan ifisser li erba' xhur wara s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, skatta favur l-applikant id-dritt tal-appell li, skont l-Artikolu 16(5) tal-Att, kellu jiġi eżerċitat fi żmien ħmistax-il jum. Hu veru li dan is-subartikolu jgħid li l-15-il ġurnata jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika li ssirlu dwar id-deċiżjoni tal-Awtorita`, li f'dan il-każ ma kienx hemm għax ma kienx hemm deċiżjoni, pero`, abbinat mal-provvediment tal-Artikolu 11(3) imsemmi, dan l-artikolu bilfors irid jiftiehem illi f'każ ta' applikazzjoni pendenti għal tal-anqas erba' xhur, it-

terminu ta' ħmistax-il jum jibda jiddekorri għeluq l-erba' xhur minn mindu tkun tressqet. Hu, għalhekk, li l-Artikolu 11(3) espressament jagħmel referenza għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 16(5). Altrimenti jkun ifisser li applikant ikun jista' jeżerċita d-dritt tal-appell li tagħtih il-liġi meta jrid għeluq erba' xhur mill-applikazzjoni, ħaġa li ma riedx il-leġislatur u, f'kull każ, ikun kunċett li jmur kontra l-ordni pubbliku li jrid li kwistjonijiet, anke mal-awtoritajiet governattivi, xi darba jingħalqu. Issa, f'dan il-każ, l-aħħar applikazzjoni tressqet fis-16 ta' Awwissu, 2018, u din l-applikazzjoni kellha tiġi pproċessata sas-16 ta' Diċembru, 2018. Minn dik id-data, darba li l-applikazzjoni baqgħet ma ġietx pproċessata, skatta ż-żmien ta' ħmistax-il jum għall-preżentata tal-appell. Dan l-appell, pero`, ġie preżentat oltre t-terminu previst, u fil-fatt tressaq fid-29 ta' Mejju, 2019. Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tqis li dan l-appell ġie preżentat fuori termine u kwindi irritu u null.'

Il-Qorti rat li l-Onorabbli Qorti tal-Appell, stante li t-terminu entro liema jrid jigi prezentat appell huwa ta' ordni pubbliku, qajmet hi stess il-kwistjoni tal-*fuori termine*. Ir-rikorrenti ssostni li dan ma kellhiex taghmlu. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx mas-socjeta' rikorrenti dwar dan il-punt stante li f'kaz ta' kwistjonijiet ta' ordni pubbliku, l-Qorti hija dejjem obbligata li tqajjem dawn il-punti *ex officio* anki jekk ma jqajjmuhomx il-partijiet u din il-Qorti ma tqisx li din hija xi kwistjoni ta' formalita' eccessiva kif tittenta ddawwarha s-socjeta' rikorrenti.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-artikoli msemmija in relazzjoni dwar jekk l-appell tas-socjeta' giex intavolat entro t-terminu mpost fil-ligi jew le din il-Qorti ma ghandhiex xi zzid ma dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell anzi ttenni li hija prekluza milli b'xi mod terga tezamina dik id-decizjoni.

Ghaldaqstant fir-rigward tal-ilment kostituzzjonali relatat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in ezami dwar is-smigh xieraq, din il-Qorti tiddikjara li l-ilment tas-socjeta' rikorrenti jikkonsisti effettivament f'appell minn decizjoni *res judicata* tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat intimat u tichad din il-parti tal-ilment tas-socjeta' rikorrenti.

**Allegat ksur tad-dritt fundamentali ghal rimedju effettiv fit-termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:**

Il-Qorti rat li s-socjeta' rikorrenti ssejjes dan l-ilment taghha fil-konfront tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni fuq l-istess bazi tal-ilment precedenti u cioe' d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 16 ta' Dicembru, 2019.

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra kif isegwi:

'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali.'

Ir-rikorrent ssostni li l-ligi fit-termini tal-artikolu 16 (10) tal-Kap. 350, Att Dwar ix-Xandir tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv ta' dan id-dritt fundamentali ghaliex id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hija 'finali u konklussiva' b'dan li jsostnu li ma jaghtux rimedju effettiv kif trid il-Konvenzjoni.

Illi l-artikolu 16 (10) jaqra kif isegwi:

'(10) Meta ma jkunx sar appell validu fiz-zmien stabbilit bis-subartikolu (5), jew meta l-appell ikun gie cedut jew mhux komplut, jew meta l-kwestjoni tkun iqatghet mill-Qorti tal-Appell, id-decizjoni dwar is-sospensjoni jew determinazzjoni tal-licenza tax-xandir in kwestjoi ghandha tkun finali u konklussiva ghall-finijiet ta' dan l-Att.'

Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li l-ligi ma tipprovdiex ghal dritt ta' appell minn decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell huwa leziv ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt issostni kif isegwi fis-sottomissjonijiet taghha:

'Huwa, f'dan il-kuntest, li l-kumpanija rikorrenti umilment tissottometti li l-Istat Malti naqas milli jipprovdi dritt statutorju ta' appell veru u proprju taht il-Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan billi ma hax il-mizuri necessarji in virtu' tal-obbligu tieghu, *ossia* tal-'***positive obligation'*** li jinkombi fuqu f'dan ir-rigward ai termini tal-Konvenzjoni…'.

Illi din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza kwotata mis-socjeta' rikorrenti fejn jigi sostnut li l-artikolu 13 jitlob l-ezistenza ta' rimedju effettiv fuq livell nazzjonali li jwassal ghall-harsien effettiv tal-jeddijiet mahsuba fil-Konvenzjoni u li jkun jista' jitqies l-ilment tal-ksur tal-jedd konvenzjonali fil-mertu tieghu u kif ukoll li jinghata rimedju effettiv f'kaz ta' sejbien ta' ksur. Din il-Qorti izda ma taqbilx mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li tipprova taghmel is-socjeta' rikorrenti ta' dawn il-principji fil-konfront tal-kaz taghha.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-ligi Maltija permezz tal-Att dwar ix-Xandir tiprovdi mezzi sabiex issir applikazzjoni ghal hrug ta' licenzja tar-radju. L-Awtorita' originali adita sabiex taghti decizjoni hija l-Awtorita' tax-Xandir. Il-ligi tipprovdi ghal dritt ta' appell f'kaz ta' decizjoni mill-Awtorita' tax-Xandir u wkoll f'kaz ta' nuqqas ta' decizjoni u t-trapass ta' erba xhur mid-data tal-applikazzjoni. Il-ligi timponi wkoll li dan l-appell ghandu jigi ntavolat fi zmien hmistax-il jum li l-Onorabbli Qorti tal-Appell interpretat li f'kaz ta' nuqqas ta' decizjoni jibdew jiddekorru mit-trapass tal-erba' xhur mill-intavolar tal-applikazzjoni. Jirrizulta lil din il-Qorti li s-socjeta' rikorrenti kienet taf ben tajjeb meta ntavolat l-applikazzjonijiet in kwistjoni cioe' nhar il-11 ta' Gunju, 2018 u nhar is-16 ta' Awissu, 2018. Naturalment allura m'hemmx wisq tfixkil sabiex wiehed jikkalkula t-trapass ta' erba' xhur minn kull data. Is-socjeta' rikorrenti ghalhekk kienet ben konxja jew kellha tkun ben konxja tad-dati minn meta skatta d-dritt ta' appell taghha. Jirrizulta li flok is-socjeta' rikorrenti ntavolat l-appell fiz-zmien impost mil-ligi ghazlet li tibqa' thaqqaqha mal-Awtorita' ntimata dwar x'dokumentazzjoni kellha jew ma kellhiex tipprovdi flok ikkawtelat il-jedd moghti lilha fil-ligi li tappella. Rizultat tan-nuqqas taghha stess, l-appell tas-socjeta' rikorrenti gie dikjarat *fuori termine*. Ta dan in-nuqqas tista' tahti biss is-socjeta' rikorrenti.

Il-Qorti tqis li fl-ambitu tal-Kap. 350 Att dwar ix-Xandir, l-Istat Malti provda rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali u dan huwa fil-forma tad-dritt ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Li s-socjeta' rikorrenti tipretendi li hija tista' tintavola appell meta trid hi u mhux meta timponi l-ligi ai fini ta' ordni pubbliku u wkoll tippretendi li hija tinghata dritt ta' appell minn decizjoni ta' appell imur ferm oltre dak li jirrikjedi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mill-Istat.

Dan kollu anzi jerga' jgib lil din il-Qorti ghar-raba' eccezzjoni mqajjma mill-Avukat tal-Istat, ukoll in relazzjoni ma' din il-parti tal-ilment kostituzzjonali, u tqis li dan l-ilment huwa biss tentattiv ahhari ta' appell mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u xejn aktar.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll din il-parti tal-ilment kostituzzjoni tas-socjeta' rikorrenti.

**Allegat ksur tad-Drittijiiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti taht l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt ghal-liberta tal-espressjoni:**

Illi l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni msemmija jaqra kif isegwi;

'1. Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita' pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtiegu licenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.

2. L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta' demokratika, fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, integrita' territorjali jew sigurta pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor, biex jigi evitat il-kxif ta' informazzjoni ricevuta b'sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorita' u l-imparzjalita' tal-gudikatura.'

Illi dwar l-imposizzjoni li ssir applikazzjoni ghal licenzja sabiex radju jkun jista' jxandar l-istess artikolu 10 tal-konvenzjoni jipprovdi li dan huwa legittimu. Fil-kaz odjern jidher li s-socjeta' rikorrenti qed tilmenta dwar id-dewmien allegatament esagerat sabiex inhargu l-licenzji rikjesti tant li dawn inhargu biss lejn l-ahhar tal-mori tal-kawza odjerna.

Il-Qorti rat li mill-atti effettivament l-ittra tat-8 ta' Ottubru, 2018 kienet ittra pjuttost neboluza dwar jekk din kinitx marbuta wkoll mal-applikazzjonijiet in kwistjoni ghall-istazzjonijiet msemmija f'dan ir-rikors guramentat. Dan anki ghaliex ma nghata l-ebda numru ta' referenzi. Il-Qorti izda rat li huwa l-istess Sergio D'Amico li fl-e-mail tieghu datata 11 ta' Ottubru, 2018 li jinforma lill-Awtorita' li sa Novembru 2018 kien ser jipprovdi l-'audited accounts' tas-socjeta' rikorrenti lill-Awtorita' ntimata. L-Awtorita' ghalhekk baqghet tistenna dawn l-'audited accounts' u stante li qatt ma waslu spiccat ma processatx l-applikazzjonijet stante li kienet rabtet dawn l-applikazzjonijiet mal-bzonn tal-prezentata ta' dawn l-'audited accounts'. Il-Qorti ghalhekk tqis li, ghalkemm huwa minnu li ghalkemm mhux neccessarjament permezz tal-ittra datata 8 ta' Ottubru, 2018 ir-rikorrenti kienet mistennija li tifhem li dawn l-'audit accounts' kienu qed jorbtu mal-ipprocessar tal-applikazzjonijiet, wara d-diskursata li saret *ex admissis* bejn Sergio D'Amico u Daniel Delia huwa car mill-e-mail datata 11 ta' Ottubru, 2018 li allura l-affarijiet kienu gew iccarati u li s-socjeta' kienet ben infurmata bil-bzonn tal-prezentata ta' dawn l-'audit accounts' sabiex ikun jista' jitkompla l-ipprocessar tal-applikazzjoni. Fil-fatt malli dawn gew prezentati fil-mori tal-kawza l-Awtorita' procediet sabiex tipprocessa l-applikazzjonijiet u dawn gew approvati fi ftit xhur.

Il-Qorti rat illi mill-artikolu 11 (2) tal-Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar ix-Xandir johrog li l-Awtorita' ntimata, fil-hrug ta' licenzi tax-xandir, ghandha tikkunsidra wkoll 'il-potenzjal ekonomiku u viabilita' u 'illi d-detentur ta' licenzja jkun kapaci jwettaq l-obbligi kollha tieghu taht dan l-Att.'

Kif xehdet ben tajjeb Dr. Joanne Spiteri, kap ezekuttiv tal-Awtorita, fil-kaz tal-applikazzjonijiet in kwistjoni l-Awtorita' rat li dawn ir-radji kien qed jigi propost li jitmexxew minn diversi nies fuq bazi volontarja u li kienet ser taghmel tajjeb ghall-ispejjez is-socjeta' rikorrenti. In vista ta' dan l-Awtorita' qajjmet il-kwezit gustifikat dwar jekk is-socjeta' rikorrenti kinitx f'posizzjoni finanzjarja mod li tkun tista' taghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez sabiex ir-radji in kwistjoni jipprovdu kontenut ta' kwalita' ghall-pubbliku. Kienet din ir-raguni li ntalbu l-'audited accounts' u jekk ghall-bidu forsi ma kienx daqshekk car ir-raguni ghalfejn kienu qed jintalbu, sal-e-mail tal-11 ta' Ottubru, 2018 jirrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti kienet fehmet li l-Awtorita' kienet qed tistenna l-prezentata taghhom qabel tkompli bl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Illi l-Qorti kkonstatat li, kuntrarju ghal dak dikjarat minn Sergio D'Amico fl-e-mail tal-11 ta Ottubru, 2018, l-'audited accounts' tas-socjeta' ma gewx prezentati f'Novembru 2018 izda gew biss prezentati fil-mori tal-kawza odjerna, fl-atti odjerni, nhar it-22 ta' Marzu, 2021 cioe' aktar minn sentejn u nofs wara d-data li kienet indikat l-istess socjeta' li ser tiprezentahom. F'Gunju, 2021 l-Awtorita' tax-Xandir harget il-licenzi mitluba (cioe' madwar tlett xhur wara).

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti ma hi qed tara l-ebda ksur tad-dritt ghall-liberta' tal-espressjoni fil-konfront tas-socjeta'

rikorrenti izda qed tara biss nuqqasijiet li jistghu jigu biss addebitati lill-istess socjeta' rikorrenti li konsegwenza taghhom l-applikazzjonijiet in kwistjoni baqghu ma jistghux jigu konkluzi.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll l-ilment tas-socjeta' rikorrenti kif msejjes fit-termini tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' r-risposti tal-Awtorita' tax-Xandir intimata u wkoll tal-Avukat tal-Istat intimat u stante li ma sabet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali ndikati mis-socjeta' rikorrenti, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Jannar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Jannar, 2022**